

Brussell, 5 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15216/24

STATIS 115
ECOFIN 1253
UEM 389

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Statistika tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE (5 ta' Novembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE tal-2024 kif approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) fil-5 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l- istatistika tal-UE tal-2024

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE ta' Novembru 2023, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni, il-Kunsill irrieżamina l-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-UEM, l-istatistika għall-PDE, is-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi u statistika strutturali.

Statistika Ewropea u Sistema Ewropea tal-Istatistika li jsiru adatti għall-futur

Il-Kunsill JILQA' r-reviżjoni reċenti tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea li ser tippermetti lis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tisfrutta l-potenzjal tas-sorsi u t-teknoloġiji tad-data diġitali u tkun aktar reattiva billi tiżgura aċċess għal sorsi ġodda ta' data, billi tipprovdi mekkaniżmu għal rispons statistiku għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u billi trawwem l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' statistika ġdida, b'kunsiderazzjoni xierqa tat-tnaqqis tal-piż tar-rapportar fuq ir-rispondenti tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-ESS biex tuża l-għodod ġodda disponibbli għaliha biex tiżviluppa u tipprovdi statistika ta' kwalità għolja li tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Unjoni - Ewropa għanja, kompetittiva u sostenibbli; Ewropa b'aktar sikurezza u sigurtà; u Ewropa ġusta u demokratika.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' Rieżami bejn il-Pari tal-ESS u l-pubblikazzjoni tar-rapport finali u JĦEĠĠEĠ lill-Eurostat, lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika kif ukoll lill-awtoritajiet rilevanti l-oħra tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet biex jiġu żviluppati aktar kemm is-sistemi tal-istatistika nazzjonali kif ukoll dawk Ewropej.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-ESS biex tippromwovi l-litteriżmu statistiku u biex tiżgura d-disponibbiltà ta' statistika ta' kwalità għolja u rilevanti li ser tgħin biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u tikkontribwixxi għall-verifika tal-fatti u l-protezzjoni tad-demokrazija.

Riżorsi adegwati għall-istatistika uffiċjali

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-Eurostat u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Istatistika, biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti urġenti attwali u addizzjonali ta' data inkluż dwar il-prosperità u l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, ir-reżiljenza tan-negozji tagħha, u s-sigurtà tagħha u t-tħejjija għall-kriżijiet.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2024 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JAPPREZZA t-titjib ulterjuri fil-kwalità u d-disponibbiltà tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP) u l-pubblikazzjoni ta' indiċi ġdid ta' kull xahar tal-produzzjoni tas-servizzi minn April 2024.

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA r-rwol tal-IEEP, li jibqa' jkun wieħed importanti, bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perjodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

Il-Kunsill JILQA' l-implimentazzjoni tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Trażmissjoni tal-ESA 2010 matul ir-reviżjoni tal-valuri referenzjarji tal-2024 tal-kontijiet nazzjonali, li twassal għal data mtejbja u aktar f'waqtha għall-utenti.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-attivitajiet li għaddejjin taħt l-Inizjattiva tal-G20 dwar Lakuni fid-Data, u b'mod partikolari l-ħidma li qed titwettaq dwar l-istatistika dwar it-tibdil fil-klima u dwar il-miżuri distributtivi tal-introjt, il-konsum u l-għid tal-unitajiet domestiċi li huma strumentali għat-twettiq ta' politiki ewlenin tal-UE.

Statistika dwar il-proprjetà immobbli

Il-Kunsill JILQA' l-ħidma tal-ESS biex tiġi żviluppata u mtejbja l-istatistika dwar il-proprjetà immobbli kummerċjali, li tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku dwar il-vulnerabbiltajiet fis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u JISTENNA B'INTERESS proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni.

Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-ESS biex tkompli bl-isforzi biex tipprovdi statistika aktar dettaljata u f'waqtha dwar l-akkomodazzjoni soċjali, minħabba l-isfidi li jiffaċċaw ħafna Ewropej biex jaċċessaw akkomodazzjoni affordabbli.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-ESS biex ittejjeb it-tempestività u l-frekwenza tal-indikaturi tal-prezzijiet tad-djar inkluż l-iżvilupp ta' stimi rapidi.

Statistika għall-Qafas Ewropew ta' Governanza Ekonomika u l-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) riveduti

Il-Kunsill JILQA' statistika addizzjonali fil-qasam tal-Finanzi tal-Gvern biex jiġi implimentat il-Qafas Ewropew ta' Governanza Ekonomika l-ġdid u JĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ulterjuri u l-pubblikazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-pubblikazzjoni ta' sett sħiħ ta' kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji annwali u d-dejn ta' Maastricht għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Il-Kunsill JILQA' l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Statistika dwar l-enerġija

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-prijorità għolja ta' statistika f'waqtha u affidabbli dwar l-enerġija, inkluż biex tinforma l-iżvilupp tal-Patt għal Industrija Nadifa u t-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjoni tal-enerġija, u JILQA' t-tlestija tal-ħidma teknika fuq l-istatistika dwar it-trasformazzjonijiet tal-fjuwil u l-pubblikazzjoni ta' indikaturi ġodda dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, fjuwils ġodda u l-ħżin tal-enerġija, kif ukoll statistika dettaljata dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u d-dipendenza fuq l-importazzjoni.

Statistika b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u t-tkabbir sostenibbli

Il-Kunsill JILQA' l-għoti ta' indikaturi statistiċi u informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u attenzjoni Ewropea mġedda fuq it-tkabbir sostenibbli u JĦEĠĠEĠ lill-Eurostat biex ikompli l-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Statistika tan-negozju

Il-Kunsill IĦEĠĠEĠ lill-ESS biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tuża l-illinkjar tal-mikrodata (MDL) u tekniki innovattivi oħra għad-data tan-negozju biex tikseb statistika u għarfien ġodda dwar il-kompetittività u r-reżiljenza tan-negozji Ewropej, inkluż l-SMEs, mingħajr ma żżid il-piż tar-rapportar.

Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS l-istatistika sperimentali li tidentifika u timmonitorja setturi b'dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika u komponenti essenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll statistika li turi l-effett tal-attivitajiet ta' innovazzjoni u ta' riċerka u żvilupp fuq il-prestazzjoni tan-negozji Ewropej.

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għal kejl aħjar tad-diġitalizzazzjoni.

Statistika demografika u soċjali

Il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-importanza kritika ta' statistika soċjali Ewropea integrata ta' kwalità għolja għall-iżvilupp tal-politiki soċjali Ewropej, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-Kunsill JAPPREZZA l-pubblikazzjoni ta' data pilota relatata mal-impjiegi tal-pjattaformi diġitali u JILQA' l-intenzjoni li tiġi inkluża f'modulu ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol fl-2026.

Il-Kunsill JILQA' l-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji li ser ittejjeb l-ambitu, it-tempestività u l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea f'dan il-qasam.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ħidma li għaddejja dwar l-iżvilupp ta' statistika dwar l-ugwaljanza inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' din id-data.

Il-Kunsill JISTENNA B'INTERESS l-eżitu tar-rieżami dwar l-istatistika relatata mas-saħħa u JĦEĠĠEĠ lill-ESS biex tkompli t-titjib f'din l-istatistika.

Is-sittax-il rapport mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

Il-Kunsill JILQA' s-sittax-il rapport tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), li jipprovdi ħarsa ġenerali indipendenti tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika u JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB.